BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**

9 t'Ottubru, 2012

# Minuti tal-laqgha 9(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha  b'urgenza numru 9(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru, 2012 fis-sitta u nofs ta' filghaxija (6:30pm)

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, irringrazzja lil Kunsilliera li attendew din l-laqgha li ssejhet b'urgenza

## 1. Is-Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera dwar il-problema prezenti li l-Kunsill qieghed jaffacja hekk kif id-dipartiment ghal Gvern Lokali naqqas l-ammont globali ta' € 16, 568, mil-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2012. Is-Sur John Boxall stqar li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikollhu sitwazzjoni finanzjarja difficli sakemm ser jircievi l-allokazzjoni finanzjarja li jmis jigifieri fix-xahar ta' Jannar 2013. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghadu jhares lejn mizuri li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jiehu sabiex inaqqas in-nefqa finanzjarja ta' l-istess Kunsill. Wara diskussjoi, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, hekk kif ghadu ma nghata l-ebda parir min-naha tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar id-decizjoni tal-bord tal-appell, dwar it-tender ghal gbir ta' l-iskart goff,  il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibda joffri dan is-servizz ta' skart goff mil-haddiema assenjati mal-Kunsill,

liema haddiema qeghdin that l-iskema fil-komunita offruta mil-ETC. Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li l-Kunsill jinforma lid-Direttur s-Sur Carmel Abela li hekk kif sal-llum ma nghata l-ebda parir min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll fid-dawl tal-qaghda finanzjarja tal-Kunsill, l-Kunsill ser jirtira dan it-tender ghal gbir ta' skart goff u sakemm l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill titjieb, ser ikun il-Kunsill li jaghmel dan ix-xoghol bil-haddiema assenjati mieghu mil-ETC. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2. **<u>BirguFest 2012</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti finali li qedghin isiru ghall-attivita tal-BirguFest 2012 li ser issir bejn id-19 u l-20 t'Ottubru, 2012, kif ukoll l-preparamenti kollha li qeghdin issiru ghaz-zjara tad-delegazzjoni mil-Belt ta' St. Tropez.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-programm ta' l-attivitajiet nkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2012. Is-Sindku zied jghid li dan il-programm ser jigi mqassam f'diversi lokalitajiet madwar Malta.

Il-Laqgha ntemmet fi 7:30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |